



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-218/12

**Lokman Emrek
vs
Vlado Sabranovic**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Saarbrücken)

“Regolament (KE) Nru 44/2001 — Artikolu 15(1)(ċ) — Ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi — Possibbiltà li din il-ġurisdizzjoni tiġi limitata għall-kuntratti li jsiru mill-bogħod — Rabta kawżali bejn l-attività kummerċjali jew professjonali diretta lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur permezz tal-internet u l-konklużjoni tal-kuntratt”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-17 ta' Ottubru 2013

1. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali — Regolament Nru 44/2001 — Ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi — Kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15(1)(ċ) tar-regolament — Assenza ta' limitazzjoni biss għall-kuntratti li jsiru mill-bogħod*

(Regolament tal-Kunsill Nru 44/2001, Artikolu 15(1)(ċ))

2. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali — Regolament Nru 44/2001 — Ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi — Kunċett ta' attivitajiet diretti lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur fis-sens tal-Artikolu 15(1)(ċ) tar-regolament — Kriterji ta' evalwazzjoni — Verifika mill-qorti nazzjonali*

(Regolament tal-Kunsill Nru 44/2001, Artikolu 15(1)(ċ))

3. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali — Regolament Nru 44/2001 — Ġurisdizzjoni fil-qasam tal-kuntratti konklużi mill-konsumaturi — Kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 15(1)(ċ) tar-regolament — Rekwiżit ta' rabta kawżali bejn il-metodu użat sabiex tiġi diretta l-attività kummerċjali jew professjonali lejn l-Istat Membru ta' domiċilju tal-konsumatur u l-konklużjoni tal-kuntratt — Assenza*

(Regolament tal-Kunsill Nru 44/2001, Artikolu 15(1)(ċ))

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 19)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 27, 29-31 u d-dispożittiv)

3. L-Artikolu 15(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jeżiġix l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-metodu użat sabiex l-attività kummerċjali jew professjonali tiġi diretta lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur, jiġifieri sit internet, u l-konklużjoni ta' kuntratt ma' dan il-konsumatur. Madankollu, l-eżistenza ta' tali rabta kawżali tikkostitwixxi indizju ta' rabta tal-kuntratt ma' tali attività.

(ara l-punt 32 u d-dispożittiv)